# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 39/2021 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**JZ**

**U**

**MZ**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt ta' JZ u MZ, datat 29 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok A****.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied; illi it-tnejn li huma għandhom aktar minn tlieta u għoxrin sena, u dan kif jirriżulta miż-żewġ ċertifikati tat-twelid relattivi, hawn annessi u mmarkati* ***Dok B u Dok C*** *rispettivament.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Jacqueline Calleja datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018); kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok D****.*

4. *Illi kif ġia ddikjarat mill-partijiet permezz tal-klawsola 16 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, is-separazzjoni de facto tal-partijiet seħħet lura f'Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014).*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u tmintax (2018), u separati de facto mis-sena elfejn u erbatax (2014), il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment peress illi in forza tal-artikolu erbgħa (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom, il-partijiet iddekadu għad-dritt reċiproku illi jitolbu manteniment mingħand xulxin. In oltre', ma hemm l-ebda manteniment pagabbli u/jew dovut rigward iż-żewġ ulied, stante illi huma maġġorenni u it-tnejn li huma għandhom aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena.*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlobu bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:*

A. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta u*

B. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MZ,** xehdet (vide affidavit fol 10) illi l-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' April 1984, u li min dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni. Sostniet li huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat nhar it-22 ta' Ottubru 2018, fl-atti tan-Nutar Dr Jacqueline Calleja, izda ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2014. Iddikjarat illi qatt ma kien hemm rikonciljazzoni u lanqas ma hemm ebda possibilita' tal-istess. Ziedet tghid finalment illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**JZ** xehed (vide affidavit fol 18) u kkollaborat dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:   [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' April 1984, liema zwieg jgib c-certifikat numru 513/1984 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw de facto f'Jannar 2014 u legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-22 ta' April 2018, fl-atti tan-Nutar Dr Jacqueline Calleja (vide Dok D, a fol 6 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Di piu' jirrizulta illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 513/1984 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**